# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sittax (16) ta' Ġunju 2020**

**Rikors Numru 371/16 FDP**

Fl-ismijiet

**Dr Douglas Aquilina K.I. 162790(M) u Dr Mark Attard Montalto K.I. 220073(M) u Dr Noella Sciriha K.I. 15164(M) bħala prokuraturi speċjali għan-nom ta' Dr Kaled Ali Ahmed Kagigi (detentur tal-Passaport Libjan numru FRR7JZ05)**

vs

**LPTIC Services Limited (C-68876)**

**Rajab Fawzi R Ben Rajab (Passaport Libjan numru RFKZK59)**

**Faisel Ahmed Gergab (Passaport Libjan numru 207552-2009)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 9 ta' Mejju 2016, li permezz tiegħu r-rikorrenti *nomine* talbu is-segwenti:

    1. *Illi Dr Douglas Aquilina, Dr Mark Attard Montalto u Dr Noella Sciriha huma l-prokuraturi speċjali ta' Dr Kaled Ali Ahmed Kagigi (detentur tal-Passaport Libjan numru FRR7JZ05) kif jidher mill-prokura hawn annessa **Dok KK1.***

2. *Illi Dr Kaled Ali Ahmed Kagigi huwa direttur u għandu r-rappreżentanza legali (kif għandhom id-diretturi l-oħrajn) tas-soċjeta' LPTIC Services Limited (C-68876) li hija kumpanija reġistrata ġewwa Malta.*

3. *Illi Dr Kaled Ali Ahmed Kagigi ilu direttur tas-soċjeta' LPTIC Services Limited (C-68876), u dan kif jirriżulta mill-Form K intavolat fir-Reġistru tal-MFSA li kopja tiegħu jinsab hawn anness bħala dok KK 2.*

4. *Illi fil-kumpanija LPTIC Services Limited (C-68876) hemm tliet diretturi li huma:*

    a. *Faisel Ahmed Gergab*
    b. *Rajab Fawzi R Ben Rajab, u*
    c. *Dr Kaled Ali Ahmed Kagigi.*

    *Illi 1-company secretary tal-kumpanija hija Nahed M Ali Shubcu.*

5. *Illi 1-azzjonista unika tal-kumpanija LPTIC Services Limited (C-68876) reġistrata mal-MFSA, hija l-kumpanija Libjana bl-isem Libyan Post, Telecommunication and Information Technology Company (66690).*

6. *Illi dan jirriżulta wkoll mid-dokumenti tal-MFSA annessi u ċioe' l-Memorandum and Articles tal-kumpanija LPT1C Services Limited (C-68876), kopja tal-Memorandum u Articles of Association huma annessi dok KK3.*

7. *Illi 1-amended Articles of Association tal-holding company Libjana u ċioe' Libyan Post, Telecommunication and Information Technology Company (66690) kif ukoll translation tal-istess huma annessi dok KK4 u dok KK4A.*

8. *Illi għandu jiġi spjegat u ċċarat li l-holding company Libjana u ċioe' Libyan Post, Telecommunication and Information Technology Company (66690) hija entita' governattiva Libjana, fejn jirriżulta anke fl-istess Articles of Association f'Artikolu (1) tal-Ewwel Kapitolu li:*

    *"The company is a subsidiary of the Ministry of Telecommunications and Data Processing and its capital is completely owned by the state".*

9. *Illi jeżisti service agreement bejn il-kumpanija Maltija LPTIC Services Limited u 1-kumpanija Libjana Libyan Post, Telecommunication and Information Technology Company.*

10. *Illi jirriżulta wkoll li fost id-diretturi tal-kumpanija Maltija LPTIC Services Limited (C-68876) għandhom u/jew kellhom ukoll karigi fil-parent company Libjana Libyan Post, Telecommunication and Information Technology Company (66690), fejn:*

    a. *Faisel Ahmed Gergab huwa Chairman u wkoll CEO tal-kumpanija Libjana kif ukoll huwa direttur fuq il-kumpanija Libjana, Libyan Post, Telecommunication and Information Technology Company (66690)*

    b. *Rajab Fawzi R Ben Rajab huwa general manager tal-kumpanija Libjana*

    c. *Dr Khalid Ali Kagigi huwa direttur fil-kumpanija Libjana (jew aħjar, kien direttur kif ser jiġi spjegat)*

11. *Illi fil-31 ta' Awwissu 2015 kien hemm laqgħa urġenti tal-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija Libjana fejn kienu in attendenza l-konvenut Dr Faisal Ahmed Gergab bħala Chairman, 1-Eng Wafiq Abdurrahman A1 Shatir, Dr Khalid Ali Kagigi u Dr*

*Omar Mustafa A1 Salabi bħala diretturi tal-istess Bord. Illi din il-laqgħa saret in segwitu għal lanjanzi ta' impjegat tas-soċjeta' u ċioe' Khalifa Abdullah Khalifa li kien hemm vjolazzjonijiet finanzjarji u vjolazzjonijet amministrattivi.*

12. *Illi in segwitu għal dawn il-lanjanzi, l-Bord appunta Kumitat sabiex jinvestiga dawn il-lanjanzi, liema Kumitat ġie kompost minn Omar Mustafa A1 Salabi, Abdul Aziz Mohammed Abdul Moemin u Mohammed Ammar Bu Qurain.*

13. *Illi in segwitu għall-investigazzjonijiet tagħhom, il-membri tal-Kumitat appuntat mill-Bord tad-Diretturi tal-Kumpanija Libjana ħarġu rapport datat 1 ta' Ottubru 2015 fejn irrapurtaw li kien hemm vjolazzjonijiet finanzjarji u vjolazzjonijiet amministrattivi, u fejn il-konvenuti Faisel Ahmed Gergab u Rajab Fawzi R Ben Rajab huma msejjħin fl-istess rapport. Kopja ta' dan ir-rapport bi traduzzjoni Ingliża huma annessi dok KK5 u KK5A.*

14. *Illi sussegwentement u wara dan ir-rapport, il-kumpanija Libjana ipproċediet sabiex tinvestiga dwar transazzjonijiet finanzjarji li għamlet il-kumpanija Libjana Libyan Post, Telecommunication and Information Technology Company (66690). Illi minħabba 1-vjolazzjonijiet taċ-Chairman Faisel Ahmed Gergab, kien hemm deċiżjoni li l-istess konvenut Faisel Ahmed Gergab jitneħħa minn Chairman tal-kumpanija Libjana. Illi l-Membri tal-Bord infurmaw liċ-Chairman tal-General Assembly tal-kumpanija u Kap tal-Awtorita' tat-Telekommunikazzjoni Libjana b'din id-deċiżjoni. Din il-persuna hija Osama Abdul Siala. Permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Frar 2016, dan 1-istess Chairman tal-General Assembly tal-kumpanija u Kap tal-Awtorita' tat-Telekommunikazzjoni Libjana approva li l-Bord tad-Diretturi jipproċedu sabiex jirrevokaw is-setgħat ta' Faisel Ahmed Gergab u jappuntaw "Administrative Committee" sabiex jamministra. Kopja ta' din id-deċiżjoni hija annessa dok KK6 u dok KK6A.*

15. *Illi fil-11 ta' Frar 2016, saret laqgħa tal-Bord tad-Diretturi tal-holding company Libjana, fejn il-Membri tal-Bord ippreżentaw lil Faisel Ahmed Gergab bil-"Memorandum on the Misadministration of the Libyan Post, Telecommunication and IT Holding Company". Illi l-Membri tal-Bord iddeċidew li minħabba 'inter alia' ħlasijiet dubjużi li qegħdin isiru u li m'humiex relatati mal-kumpanija, minħabba wkoll financial statements preżentati iżda li jirriżultaw skorretti u aġġustati iktar minn darba, minħabba inaderenza tal-mod ta' kif jinħarġu flejjes mingħajr lanqas dokumentazzjoni, l-Bord iddeċieda sabiex jirrevokaw is-setgħat tal-konvenut Faisel Ahmed Gergab bħala Chairman tal-kumpanija Libjana, u minflok jappuntaw kumitat temporanju. Dan jirriżulta mill-annessi dokumenti KK7 u KK7A;*

16. *Illi fost id-diretturi li ffirma tali Memorandum hemm l-attur Dr Khaled Ali Ahmed Kagigi.*

17. *Illi li ġara huwa li immedjatament wara d-deċiżjoni tal-11 ta' Frar 2016 (dakinhar stess), il-kariga ta' Osama Abdul Siala bħala l-Kap tal-Communications Authority Libjana u bħala Chairman of The General Assembly fil-kumpanija Libyan Post, Telecommunication and Holding Company, ġiet terminata.*

18. *Illi jidher ċar u ovvju li hemm wara l-kwinti, ġlieda da parti tal-konvenut Faisel Ahmed Gergab li jżomm il-kariga tiegħu fil-kumpanija Libyan Post, Telecommunication and Information Technology Company (66690);*

19. *Illi ġranet wara u ċioe' fit-28 ta' Frar 2016, ittieħdet ukoll deċiżjoni u b'dan bl-approvazzjoni ta' Faisel Ahmed Gerbag, fejn f'din il-laqgħa talab li jitneħħew id-diretturi kollha tal-kumpanija Libjana inkluż l-attur Dr Kaled Ali Ahmed Kagigi. Illi permezz ta' din id-deċiżjoni, id-Diretturi tal-kumpanija Libjana (l-istess nies u inkluż*

*l-attur Dr Kagigi li ħadu d-deċiżjoni li s-setgħat tal-konvenut Faisel Ahmed Gerbag jiġu revokati minħabba l-amministrazzjoni ħażina) tneħħew kollha mill-karigi tagħhom. Illi fl-istess deċiżjoni, Faisel Ahmed Gerbag reġa' ġie konfermat fil-kariga tiegħu ta' Chairman tal-Bord tal-kumpanija Libjana. Illi din id-deċiżjoni hija annessa dok KK8 u KK8A.*

20. *Illi din id-deċiżjoni ġiet kontestata da parti tad-diretturi fil-kumpanija Libjana (inkluż l-attur Dr Kagigi) billi d-deċiżjoni ma tteħditx skont l-Articles tal- kumpanija Libjana u skont il-liġi Libjana.*

21. *Illi l-attur flimkien ma' Abdul Aiz Mohammed Abdul Moemin u Wafiq Abdurraham Khalifa A1 Shater intavolaw proċeduri quddiem il-Qorti ġewwa Al Baida il-Libja sabiex jikkontestaw tali deċiżjoni liema kawża tinsab għas-smigħ u dan kif jirriżulta mill-anness dokumenti KK9, KK9A, KK10 u KK10A.*

22. *Illi dawn il-manuvri tal-konvenuti Faisel Ahmed Gergab u Rajab Fawzi R Ben Rajab qegħdin jiġu riflessi wkoll fil-kumpanija Maltija u ċioe' l-kumpanija konvenuta LPTIC Services Limited (C-68876).*

23. *Illi l-attur sar jaf li kien hemm tentattiv da parti tal-konvenut Faisel Ahmed Gergab sabiex l-attur jitneħħa mill-kariga tiegħu ta' direttur fil-kumpanija Maltija LPTIC Services Limited (C-68876). Illi Faisal Ahmed Gergab kien saħansitra ffirma Form K u ta' struzzjonijiet sabiex din il-formola tiġi reġistrata mal-MFSA sabiex l-attur jitneħħa mill-kariga tiegħu kif ukoll iffirma dokument fejn qal li kien hemm deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali straordinarja tal-kumpanija sabiex l-attur jitneħħa mill-kariga tiegħu u dan mingħajr ma seħħet ebda laqgħa, u dan mingħajr ma segwa l-proċeduri tal-kumpanija Maltija LPTIC Services Limited (C-68876) senjatament l-Artikolu 52 tal-Articles of Association u Artikolu 140 tal-Kap 386, u mingħajr il-kunsens tal-attur.*

24. *Kopja ta' dawn id-dokumenti huma annessa dok KK11 u dok KK11A.*

25. *Illi wara li l-company secretary irrifjutat li tirreġistra dan il-Form K li ma kienx konformi, il-konvenut Rajab Fawzi Ben Rajab għamel ukoll sejħa ta' Extraordinary General Meeting tal-kumpanija Maltija għat-3 ta' Mejju 2016 fl-10.00am sabiex jitneħħa l-attur minn direttur tal-kumpanija u jitpoġġa direttur ġdid, liema talba wkoll ma saritx skont l-proċeduri tal-kumpanija Maltija LPTIC Services Limited (C-68876) u tal-liġi Maltija. Din is-sejħa wkoll saret mingħajr il-kunsens tal-attur, li sar jaf biss bl-istess meta ġie notifikat bl-istess avviz. Kopja tad-dokument qiegħed jiġi hawn anness bħala dok KK12.*

26. *Illi minħabba din is-sitwazzjoni, l-attur talab Board Meeting tad-diretturi tal-kumpanija Maltija LPTIC Services Limited sabiex iqajjem dawn il-punti u ċioe':*

    a. *Sabiex jiġi diskuss is-sitwazzjoni tal-holding company ta' LPTIC, senjatament id-deċiżjoni mill-Bord tad-Diretturi ta' LPTIC Holding tal-11 ta' Frar 2016 li jneħħu lil Faisel Ahmed Gergab mill-kariga tiegħu fl-istess kumpanija u d-deċiżjoni sussegwenti tal-Assemblea Ġenerali ta' LPTIC Holding tat-28 ta' Frar 2016 li ħassret għal kollox id-deċiżjoni tal-11 ta' Frar 2016 billi neħħiet lid-diretturi kollha ta' LPTIC Holding (għajr għal Faisel Ahmed Gergab u Rajab Khaleel). U sabiex tiġi diskussa wkoll il-kawża pendenti ġewwa Albeida, Libja dwar il-legalita' o meno tad-deċiżjoni tat-28 ta' Frar 2016, sabiex jiġi diskuss l-involviment u mġieba ħażina ta' Faisel Ahmed Gergab fl-istess deċiżjoni, u sabiex jiġi diskuss u pjanat il-mod kif għandha tipproċedi s-soċjeta' Maltija LPTIC Services Limited, fid-dawl ta' dan kollu.*

- b. *Sabiex jiġu diskussi d-deċiżjonijiet tad-diretturi Faisel Ahmed Gergab u Rajab Fawzi R Ben Rajab li jippreżentaw dokumenti mal-MFSA, u dan mingħar il-kunsens ta' Kaled Kagigi.*

- c. *Sabiex jiġi indirizzat l-avviż li ħareġ Rajab Faqzi Ben Rajab dwar EGM ta' LPTIC Services Ltd li ġie ffissat għat-3 ta' Mejju 2016, liema EGM ma ġiex imsejjaħ skont il-Memorandum and Articles tal-kumpannija, u meta Kaled Kagigi ma ġiex infurmat f'din id-deċiżjoni.*

- d. *Sabiex tiġi indirizzata l-imġieba ħażina tad-diretturi Faisel Ahmed Gergab u Rajab Fawzi Ben Rajab f'LPTIC Services Ltd u LPTIC Holding, u sabiex ikun hemm deċiżjoni dwar jekk il-kumpanija għandhiex tieħu passi kontra dawn id-diretturi inkluż billi tissejjaħ laqgħa ġenerali tal-kumpanija sabiex l-istess diretturi jitneħħew mill-posizzjonijiet tagħhom.*

27. *Illi in segwitu għat-talba tal-attur, saret Board Meeting tal-kumpanija Maltija LPTIC Services Limited fis-26 ta' April 2016. L-aġenda ta' din il-laqgħa hija annessa dok KK13, fejn il-konvenuti żiedu żewġ items oħra fl-Aġenda.*

28. *Fil-Board Meeting tas-26 ta' April 2016 kien hemm preżenti:*

    - a. *Dr Kaled Ali Ahmed Kagigi – Direttur*
    - b. *Rajab Fawzi Ben Rajab — Direttur*
    - c. *L-Avukat Stewart Simpson għan-nom ta' Faisel Ahmed Gergab - Direttur Alternattiv*
    - d. *Akram Rayes — General Manager*
    - e. *Nahed Shubar - Company Secretary*

29. *Illi f'dan il-Board Meeting il-proposti u talbiet tal-attur Dr Kaled Ali Ahmed Kagigi ġew mċaħħdin da parti taż-żewġ diretturi l-oħra.*

30. *Illi fl-istess Board Meeting, b'riżoluzzjoni tal-maġġoranza tal-Bord tad-Diretturi tas-soċjeta' LPTIC Services Limited (C-68876) b'żewġ voti favur u bil-vot tal-attur kontra, ġie deċiż li jsir Extraordinary General Meeting fejn ser jintalab li jitneħħa bħala direttur Dr Kaled Ali Ahmed Kagigi. Illi d-draft minutes ta' din il-laqgħa tal-Bord tad-Diretturi huma annessi dok KK14, kif ukoll l-ittra datata 17 ta' April 2016 li ġiet ippreżentata fl-istess laqgħa minn Stewart Simpson għan-nom ta' Faisel Ahmed Gergab, liema ittra hija talba tal-istess Faisel Ahmed Gergab għan-nom tal-holding company Libjana, sabiex isir EGM tal-kumpanija Maltija, hawn ukoll annessa dok KK15.*

31. *Illi l-EGM ġiet iffissata għat-13 ta' Mejju 2016 fl-10am, fost dak li qiegħed jintalab fl-EGM, qiegħed jintalab li jitneħħa bħala direttur Dr Kaled Ali Ahmed Kagigi u dan nonostante l-punti sollevati mill-attur fl-istess laqgħa tal-Bord, fosthom li sa llum il-financial reports tal-kumpanija ma ġewx preżentati lilu u ma ġiex ippreżentat l-expenses report kif għandu kull dritt li jkollu bħala direttur tal-kumpanija. Illi l-avviż u aġenda tal-EGM huma annessi dok KK16 u dok KK16A.*

32. *Illi in vista ta' dawn il-manuvri kollha u in vista wkoll li Faisel Ahmed Gergab qiegħed jipproteġi l-pożizzjoni tiegħu bil-qawwa kollha iżda mhux fl-aħjar interess tal-kumpanija Maltija, l-attur iddeċieda li jintavola proċeduri quddiem din 1-Onorabbli Qorti sabiex iħares il-pożizzjoni tiegħu kemm bħala direttur tal-kumpanija kif ukoll bħala rappreżentant legali tal-kumpanija, kif ukoll iħares 1-interessi tas-soċjeta' LPTIC Services Limited (C-68876).*

33. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża oltre wkoll li konkorrentement ma' din il-kawża qiegħda tiġi ntavolata mandat ta' inibizzjoni sabiex il-konvenuti jieqfu milli jbiddlu uffiċjali u diretturi tal-kumpanija u/jew li jsejħu laqgħat ġenerali straordinarji jew annwali tal-kumpanija, kif ukoll sabiex jinħarġu b'mod uffiċjali il-financial statement sabiex dawn jiġu ben skrutinjati għall-interessi ta' l-istess kumpanija.*

34. *Oltre dan il-fatt jirriżulta wkoll riżoluzzjoni mill-Kunsill Presidenzjali tal-Gvern Libjan tat-12 ta' Jannar 2016 li jgħid li ebda entita' governattiva ma tista' tbiddel l-amministrazzjoni tagħha jew ta' entitajiet taħt il-kontroll tagħhom. Din ir-riżoluzzjoni għalhekk timpinġi wkoll fuq il-kumpanija Maltija LPTIC Services Limited (C-68876) u fejn għalhekk ma jistax jitneħħa bħalissa l-istess direttur attur in vista tar-riżoluzzjoni datat it-12 ta' Jannar 2016 li kopja tiegħu jinsab anness bħala dok KK17 u dok KK17A.*

35. *Oltre dan, jirriżulta riżoluzzjoni ulterjuri tal-Kunsill Presidenzjali tal-Gvern Libjan tal-4 ta' Mejju 2016 li jgħid li temporanjament ma għandhom isiru ebda AGMs jew EGMs ta' entitajiet li huma proprjeta' tal-Gvern Libjan. Il-kumpanija konvenuta hija proprjeta' intiera tal-Gvern Libjan. Kopja ta' liema riżoluzzjoni jinsab anness dok KK18 u dok KK18A.*

36. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

*Jgħidu għalhekk il-konvenuti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna l-għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex —*

1. *Tiddikjara li l-konvenuti u/jew min minnhom ma għandhom ebda dritt li jitolbu f'dan il-mument it-tneħħija ta' l-attur Kaled Ali Ahmed Kagigi minn direttur tal-kumpanija LPTIC Services Limited (C-68876) kif mitlub fl-avviż dok KK16 datat is-26 ta' April 2016.*
2. *Tiddikjara li l-konvenuti u/jew min minnhom ma għandhom ebda dritt li jitolbu f'dan il-mument li ssir laqgħa ġenerali straordinarja tal-kumpanija LPTIC Services Limited (C-68876) kif mitlub fl-avviż dok KK16 datat is-26 ta' April 2016.*
3. *Tordna li l-konvenuti u/jew min minnhom jagħtu aċċess lill-attur għall-financial statements tal-kumpanija LPTIC Services Limited (C 68876) entro terminu qasir u perentorju ffissat minn din il-Qorti, sabiex dawn jistgħu jiġu skrutinjati mid-direttur tal-kumpanija għall-aħjar interess ta' l-istess kumpanija*
4. *Tordna li in vista tal-klima aċerba li teżisti fil-kumpanija LPTIC Services Limited, jigu osservati ad unguem l-Articles of Association tal-kumpanija LPTIC Services Limited, liema deċiżjonijiet iridu jittieħdu bi trasparenza, bil-miktub u jekk hemm bżonn, taħt kwalunkwe provvedimenti li l-Qorti tħoss li huma opportuni u neċessarji fiċ-ċirkostanzi, u dan sakemm il-klima aċerba tibred.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti inkluż l-ispejjeż tal-mandat ta' inibizzjoni intavolat kontestwalment ma' din il-kawża fl-ismijiet premessi, u l-konvenuti li huma minn issa nġunti in subizzjoni.*

2. Rat illi fit-8 ta' Ġunju 2016, l-intimati laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi: (fol 153)

1. *Illi l-ewwel u qabel kollox għandu jingħad illi mill-provi prodotti sa issa jidher li l-maġġoranza tad-dokumentazzjoni li r-rikorrent ipproduċa in sostenn tal-*

*pretensjonijiet allegati minnu huma maħruġa minn Gvern barrani u/jew Awtorita' barranija u mhumiex ammissibbli bħala prova f'dawn il-proċeduri stante li ma ġewx awtentikati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 628 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi għalhekk huwa impossibbli li wieħed jasal biex jivverifika l-awtentiċita' jew inqas tal-istess dokumenti u, qabel ma jiġu awtentikati kif trid il-liġi ma għandhom l-ebda valur provatorju f'dawn il-proċeduri u għalhekk għandhom jiġu sfilzati.*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi eċċepit illi r-rikorrent irid jipprova jekk għandux mandat illi jirrappreżenta l-Gvern Libjan f'dawn il-proċeduri u dan in vista mqajjma minnu fil-paragrafi erbgħa u tletin (34) u ħamsa u tletin (35), kif ukoll l-ewwel (1) u t-tieni (2) talba tiegħu; Illi jingħad ukoll illi kull referenza għal dawn ir-riżoluzzjonijiet allegatament maħruġa mill-Gvern Libjan iridu jiġu ppruvati u dan in vista tal-ewwel eċċezzjoni u f'każ illi dawn jiġu awtentikati huma għal kollox estrani għal dawn il-proċeduri u dan peress illi ma jista' jkollhom l-ebda effett fuq kumpanija Maltija.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost is-soċjeta' esponenti hija persuna distinta mill-membri tagħha u hija entita' mwaqqfa taħt ir-regoli u liġijiet ta' Malta. L-azzjonisti tas-soċjeta esponenti, illi wieħed irid ifakkar m'huwiex il-Gvern Libjan, għandha skond il-liġi Maltija u il-Memorandum u Articles of Association tal-istess soċjeta', is-setgħa illi tinnomina u/jew tneħħi diretturi illi huma responsabbli għall-amministrazzjoni tal-istess soċjeta'. Illi s-sejħa ta' laqgħa ġenerali tal-azzjonisti huwa dritt u funzjoni leġittima provduta mill-liġi Maltija illi hija l-liġi applikabbii in kwantu s-soċjeta' de quo hija imwaqqfa u regolata skond il-liġijiet Maltin. Ċerta deċiżjonijiet, inkluż it-tneħħija jew anqas ta' diretturi, tas-soċjeta' jinneċessitaw l-approvazzjoni/riżoluzzjonijiet tal-laqgħa ġenerali u konsegwentement kull provvediment illi jwaqqaf tali dritt mhux biss imur kontra d-disposizzjonijiet tal-liġi applikabbli iżda wkoll jippreġudikaw l-eżistenza tal-istess soċjeta'. Illi l-Artikolu 140(1) tal-Kap 386 tal-liġijiet ta' Malta jipprovdi b'mod espliċitu d-dritt ta' soċjeta' illi tneħħi direttur, u dan permezz ta' riżoluzzjoni mgħoddija mill-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti. Illi għalhekk is-sejħa għal laqgħa ġenerali tat-13 ta' Mejju 2016 sabiex tiġi diskussa riżoluzzjoni għat-tneħħija tar-rikorrent minn direttur kienet għal kollox leġittima, u twaqqfet biss minħabba talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni li laqgħet it-talba proviżorjament sa kemm tiġi deċiża finalment, aktar tard din il-ġimgħa.*

4. *Illi kwalunkwe rappreżentazzjoni illi ir-rikorrent jista' jkollu sabiex ma jitneħħiex minn din il-kariga għandu jagħmilha fil-laqgħa ġenerali u dan kif provdut mil-liġi. Finalment hija l-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti illi għandha d-diskrezzjoni finali jekk tneħħix l-imsemmi direttur jew le u dan wara li tkun semgħet ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu, fatt illi sa illum għadu lanqas sar għar-raġunijiet suesposti.*

5. *Illi għalhekk minn dak suespost isegwi illi l-uniku jedd li jista' jkollu r-rikorrent qua direttur illi b'xi mod jista' jiġġustifika t-talbiet tiegħu huwa jekk b'xi mod il-proċedura kontemplata fl-Artikolu 140 tal-Kap 386 mhux qiegħda tiġi osservata. Jidher illi r-rikorrent m'huwa qiegħed iressaq l-ebda lanjanza dwar il-formalitajiet segwiti għas-sejħa tal-laqgħa de quo. Illi għalhekk ir-rikorrent huwa nieqes minn kwalunkwe jedd illi fuqu jista' jibbaża t-talbiet tiegħu. Illi l-fatt hu li waqt laqgħa tad-diretturi tas-soċjeta' esponenti li saret nhar is-26 ta' April 2016, ġewwa l-uffiċju tal-LPHC Services Limited, liema laqgħa ġiet msejħa mir-rikorrent stess, ġie deċiż illi wara talba illi saret permezz ta' ittra datata 17 ta' April 2016 mill-uniku azzjonist tas-soċjeta' esponenti u ċioe' il-Libyan Post, Telecommunication and Information Technology Company, tiġi msejħa laqgħa staordinarja ta' LPTIC Services Limited. Din il-proċedura saret skond Artikolu 38 tal-Memorandum & Articles of Association tas-*

*soċjeta' illi tagħmel riferenza għall-proċedura msemmija f'Artikolu 129 tal-Kap. 386 tal-liġijiet ta' Malta u ċioe':*

*- Illi talba għal laqgħa ssir minn membru jew membri tal-kumpanija li jkollhom fid-data tal-konsenja tat-talba mhux anqas minn għaxra waħda minn dak fil-kapital azzjonarju imħallas tal-kumpanija (is-soċjeta' esponenti għandha mija fil-mija tal-kapital azzjonarju) li fid-data tal-konsenja jagħti l-jedd għall-vot f'laqgħat ġenerali tal-kumpanija;*

*– Illi id-diretturi tal-kumpanija, fi żmien wieħed u għoxrin jum mid-data tal-konsenja tat-talba, għandhom jipproċedu minnufih kif jixraq sabiex isejħu laqgħa ġenerali straordinarja tal-kumpanija, liema laqgħa issejħet f'laqgħa tad-diretturi tas-soċjeta' esponenti miżmuma nhar is-26 ta' April 2016, ġewwa I-uffiċju tal-LPTIC Services Limited, liema laqgħa ġiet imsejħa mir-rikorrent stess.*

*- Illi is-soċjeta' esponenti ffissat din il-laqgħa għat-13 ta' Mejju, 2016 fl-10.00 ta' filgħodu ġewwa l-uffiċju tal-LPTIC Services Limited, u meta ġiet deċiża din id-data mill-bord tad-diretturi fl-imsemmija laqgħa, kien ukoll preżenti ir-rikorrenti fil-kapaċita' tiegħu ta' direttur, u ġie wkoll innotifikat b'din il-laqgħa u l-aġenda ta' din il-laqgħa permezz ta' ittra li saret u li ngħatatlu fl-istess laqgħa, kif ġew ukoll infurmati b'din il-laqgħa dawk il-persuni kollha illi għandhom jiġu nfurmati skond il-Memorandum & Articles of Association ta' l-istess soċjeta'.*

*- Illi r-rikorrenti ngħata avviż bil-miktub tal-laqgħa ta' mill-anqas erbatax-il jum ai termini ta' l-Artikolu 130 tal-Kap. 386 tal-liġijiet ta' Malta.*

*U dan kif ser jiġi ppruvat aħjar fil-mori ta' dawn il-proċeduri.*

6. *Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-intimati jiċħdu l-fatti kif elenkati fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi ppruvat aħjar fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Illi in oltre l-intimati diretturi tal-istess soċjeta' u ċioe' Faisel Ahmed Gerab u Rajab Fawzi R Ben Rajab, f'isimhom personali jiċħdu bil-qawwa l-allegazzjonijiet dwar manuvri illeċiti magħmula kontrihom personalment u jiddikjaraw li huma mxew u qed jimxu biss fuq id-direzzjonijiet mogħtija lilhom mill-azzjonista tas-soċjeta' li tagħhom huma diretturi u dan kif titlob minnhom il-liġi nostrana, senjatament il-Kapitolu 386 tal-istess.*

7. *Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fi dritt u għadhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

8. *Salv Eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li huwa minn issa nġunt sabiex jixhed.*

## Provi

3. Rat ix-xhieda ta' **Nahed Shirbar**, Company Secretary tas-soċjeta' LPTIC Services Limited, prodotta mir-rikorrenti u mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2016. (fol 167)

4. Rat ix-xhieda ta' **Akram Rayes**, General Manager tas-soċjetà LPTIC Services Limited, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fl-14 ta' Marzu 2017. (fol 181)

5. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti fl-14 ta' Marzu 2017 (fol 184 – 261)

6. Rat ix-xhieda ta' **Enas Elgiblawi**, General Audit Manager tas-soċjetà LPTIC Services Limited, prodotta mir-rikorrenti u mogħtija fl-14 ta' Marzu 2017. (fol 262)

7. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' Enas Elgiblawi, ġia' General Audit Manager tas-soċjetà LPTIC Services Limited, prodotta mir-rikorrenti u mogħtija fis-17 ta' Mejju 2017, fejn għarrfet, fost affarijiet oħra, illi l-kuntratt ta' impjieg tagħha ġie terminat fil-11 ta' April 2017. (fol 272)

8. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' Akram Reyes, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fis-17 ta' Mejju 2017. (fol 277)

9. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti fis-27 ta' Ġunju 2017. (fol 280)

10. Rat l-affidavit ta' **Dr Kaled Ali Ahmed Kagigi**, ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2017. (fol 298)

11. Rat ix-xhieda ta' **Faisal Gergab**, Executive Chairman tas-soċjetà LPTIC Services Limited, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fid-9 ta' Novembru 2017. (fol 313)

12. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' **Faisal Gergab**, Executive Chairman tas-soċjetà LPTIC Services Limited, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fl-10 ta' Novembru 2017. (fol 317)

13. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti fil-21 ta' Marzu 2018.

14. Rat ix-xhieda ta' Nahed Shubar, prodotta mir-rikorrenti u mogħtija fit-28 ta' Ġunju 2018. (fol 350)

15. Rat illi fl-14 ta' Novembru 2018 ir-rikorrenti ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

16. Rat illi fl-1 ta' Lulju 2019, meta dina l-Qorti kif ippresjeduta ħadet konjizzjoni tal-atti, l-partijiet għarrfu lill-Qorti illi l-partijiet kienu laħqu transazzjoni u talbu differiment għall-informazzjoni.

17. Rat illi fis-27 ta' Novembru 2019, sar is-segwenti verbal quddiem il-Qorti:

> *Dr Aquilina għarraf il-Qorti illi l-mertu ta' din il-kawża llum il-ġurnata hu eżawrit peress illi rigward l-1 u t-2 talba wara li kienu nfetħu dawn il-proċeduri, is-socjeta' intimata kienet segwiet il-proċeduri skont il-Liġi għat-tneħħija tal-attur mill-kariga tiegħu ta' direttur tal-istess kumpanija intimata. Rigward it-3 talba il-financial statements tal-kumpanija intimata kienu ġew preżentati fl-atti tal-kawża u l-attur għamel l-osservazzjonijiet tiegħu dwarhom u rigward ir-4 talba peress illi llum l-attur ma għadux direttur tal-kumpanija intimata, m'għadx hemm interess ġuridiku fl-istess talba.*

*Il-partijiet jaqblu li kull ma fadal hu dwar il-kap tal-ispejjeż.*

18. Rat illi l-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni finali għad-19 ta' Frar 2020.

19. Rat illi fid-19 ta' Frar 2020, il-partijiet qablu illi l-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 700/2016 deċiżi fit-13 ta' Ġunju 2016 u fl-istess ismijiet tal-proċeduri odjerni, kellhom jiġu allegati mal-atti.

20. Rat illi, għal kull buon fini, ir-rikorrenti kkonfermaw illi kienu qed iċedu l-atti fejn jirrigwarda t-talbiet fil-meritu iżda kienu qed iżommu ferm il-kap tal-ispejjeż.

21. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fid-19 ta' Frar 2020.

22. Rat illi wara it-trattazzjoni, il-kawża ġiet differita għat-12 ta' Marzu 2020 għas-sentenza.

23. Rat illi minħabba fl-egħluq tal-Qorti in vista tal-pandemija Covid-19, is-sentenza finali ma setgħetx tingħata qabel illum.

## Konsiderazzjonijiet

24. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna ġiet intavolata minn Dr Kaled Ali Ahmed Kagigi, illi għalih qed jidhru fil-proċeduri odjerni il-prokuraturi speċjali, riżultat ta' deċiżjoni illi kienet ser tittieħed biex jitneħħa mill-kariga tiegħu ta' Direttur tas-soċjetà intimata LPTC Services Limited.

25. Jirriżulta illi t-talbiet magħmula mir-rikorrenti nomine kienu, prinċipalment, erbgħa, li jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

    a. Talba biex jiġi dikjarat illi l-konvenuti jew min minnhom ma setgħux jitolbu t-tneħħija ta' Dr Kagigi.
    b. Talba biex jiġi dikjarat illi l-konvenuti jew min minnhom ma kellhom ebda dritt isejjħu Laqgħa Ġenerali Straordinarja tal-kumpanija LPTIC Services Limited.
    c. Talba biex l-konvenuti jew min minnhom jiġu ordnati jagħtu aċċess għall-Financial Statements tas-soċjetà LPTIC Services Limited.
    d. Talba biex jiġi ordnat illi l-Articles of Association tal-kumpanija LPTIC Services Limited jiġu osservati.

26. Jirriżulta illi **<u>kontestwalment</u>** mal-kawża odjerna, ir-rikorrenti nomine intavolaw Mandat ta' Inibizzjoni, Nru 700/2016 sabiex jitolbu lill-Qorti biex l-intimati jinżammew milli:

    *Jipproċedu bl-Extraordinary General Meeting tat-13 ta' Mejju, 2016 tal-kumpanija intimata LPTIC Services Limited (C 68876) u sabiex ma jkun*

*hemm ebda tibdil fl-amministrazzjoni tal-istess kumpanija proprjetà tal-Gvern Libjan*

27. Jirriżulta illi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' Ġunju 2016, ċaħdet it-talba tar-rikorrenti, u kellha dan xi tgħid:

*Illi għalkemm ir-rikorrent jallega li hemm malamministrazzjoni tas-soċjeta intimata mill-konvenuti, dan jagħmlu biss bħala "retroxena" u jagħti bħala r-raġuni l-għala m'għandhiex tinżamm laqgħa ġenerali, annwali jew straordinarja, u l-għala m'għandux ikun hemm bdil fl-amministrazzjoni tal-kumpanija intimata, żewġ riżoluzzjonijiet tal-Kunsill Presidenzjali tal-'Gvern Libjan' (Government of National Accord) tat-12 ta' Jannar, 2016 u tal-4 ta' Mejju, 2016 li jordnaw illi ebda entity governattiva ma tista' tbiddel l-amministrazzjoni tagħha jew ta' entitajiet taħt il-kontroll tagħha u li ma ssir l-ebda laqgħa ġenerali ta' entitajiet li huma proprjeta' tal-Gvern Libjan.*

*Illi t-talba tar-rikorrent hija mxekkla minn għadd ta' ostakli:*

*(1) Din il-Qorti tibda biex tirrileva qabel kull konsiderazzjoni oħra, illi permezz tad-digriet tagħha mogħti fid-9 ta' Mejju, 2016 ordnat li kull dokument li ġie anness mir-rikorrent mar-rikors tiegħu, jiġi eżebit fil-verzjoni oriġinali tiegħu jew bħala kopja awtentikata tiegħu skont il-liġi. Ordnat ukoll illi kull dokument li suppost huwa maħruġ minn Gvern ta' Stat barrani u li ġie eżebit mir-rikorrent flimkien mar-rikors tiegħu, ikun legalizzat ai termini tal-Artikolu 628 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula li:*

> *L-atti ta' Gvern barrani, jew ta' dipartiment ta' gvern barrani, jew ta' qrati ta' ġustizzja barranin, jew ta' stabbilimenti barranin, awtentikati, mir-rappreżentant diplomatiku jew konsulari tal-Gvern ta' Malta fil-pajjiż li fih ikunu ħarġu, jew minn persuna li tkun qed isservi f'servizz diplomatiku, konsulari, jew f'xi servizz ieħor barrani ta' xi pajjiż b'arranġamenti tal-Gvern ta' Malta jkun qed jirrappreżenta l-interessi ta' dan il-Gvern f'dak il-pajjiż, jew minn awtorita' oħra kompetenti, fil-pajjiż li fih ikunu ħarġu, huma wkoll ammissibbli bi prova bl-istess mod bħad-dokumenti msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan.*

*B'nota ppreżentata fis-16 ta' Mejju, 2016 ir-rikorrent ippreżenta fotokopji tar-Riżoluzzjoni 2259 tal-Kunsill tas-Sigurta' tal-Ġnus Magħquda li approvat il-Government of National Accord u l-Presidency Council bħala l-Gvern leġittimu tal-Libja li tniżżlu mis-sit uffiċjali tal-Ġnus Magħquda, kif ukoll press release u artiklu ta' Reuters dwar l-istess Riżoluzzjoni.*

*Waqt is-smigħ tal-24 ta' Mejju, 2016 ir-rikorrent ipprometta li se jesebixxi kopja legalizzata ai termini tal-artiklu 628 tad-dokumenti KK17 u KK18.*

*B'nota ppreżentata fit-8 ta' Ġunju, 2016 ir-rikorrent esebixxa kopja tad-Digriet tat-13 ta' Jannar, 2016 u kopja tad-digriet tal-4 ta ' Mejju, 2016 li jgħid li huwa ttimbrat mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Libjan iżda mhux ittimbrat mill-Ambaxxata Libjana f'Malta u lanqas ma ġie legalizzat kif kellu jkun mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin ta' Malta.*

*Minkejja d-diversi opportunitajiet li ngħata r-rikorrent biex jagħmel dan, id-dokumenti msemmija, li allegatament huma atti ta' Gvern barrani, ma ġewx awtentikati skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 628 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ifisser li huwa impossibbli li wieħed jasal biex jivverifika l-awtentiċita' tal-istess dokumenti, u għalhekk dawn mhumiex ammissibbli bħala prova f'dawn il-proċeduri u din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tagħhom.*

*(2) huwa fatt notorju li fil-Libja bħalissa hemm iktar minn Gvern wieħed. Ir-rikorrent ma ġab l-ebda prova li l-"Gvern" li jgħid li huwa s-sid ta' holding company Libjana u li allegatament ħareġ iż-żewġ riżoluzzjonijiet in kwistjoni, huwa dak rikonoxxut mill-Gvern Malti.*

*(3) L-avukat tar-rikorrent awtentika bħala vera kopja diversi dokumenti bl-Gharbi u t-traduzzjoni tagħhom minkejja li hu stess stqarr mal-Qorti li qatt ma kellu fil-pussess tiegħu l-oriġinal u ma stqarrx jekk jafx jaqra bl-Għarbi jew le. Dan apparti li "awtentika" l-ewwel faċċata biss tad-diversi dokumenti. Din il-Qorti lesta li tkun indulġenti f'ħafna affarijiet, iżda mhux sal-punt li sserraħ deċiżjoni importanti bħal inibizzjoni ta' soċjeta' kummerċjali milli żżomm laqgħa ġenerali tal-azzjonisti abbażi ta' fotokopji ta' dokumenti relatati mal-istess soċjeta' u li ma jiġux debitament awtentikati skont il-liġi.*

.

*(4) Kif stqarr huwa stess fix-xhieda tiegħu, ir-rikorrent ma jirrappreżentax lill-Gvern Libjan u għalhekk m'għandu l-ebda interess ġuridiku li jinforza l-ordnijiet tal-istess Gvern. Jekk il-konvenuti sejrin jiksru xi ordni tal-Gvern Libjan, huwa dan il-Gvern li jista' jkollu xi jedd xi jħares f'dawn il-proċeduri u mhux ir-rikorrent. B'danakollu l-Gvern Libjan lanqas biss huwa parti fil-proċeduri.*

*(5)Illi fi kwalunkwe każ, ordnijiet maħruġin minn Gvern barrani m'għandhom l-ebda forza jew effett normattiv f'Malta, Loġikament u ġuridikament, ma jista' jiskatta l-ebda jedd f'Malta minn ordnijiet bħal dawn.*

*(6) Kwalunkwe jedd li r-rikorrent jippretendi li għandu xi jħares irid joħroġ mil-liġi ta' Malta, u partikolarment minn xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta). Ir-rikorrent m'huwa qed jallega l-ebda irregolarita' fis-sejħa tal-laqgħa ġenerali tas-soċjeta' intimata. Lanqas huwa l-każ li qed jirrappreżenta xi azzjonisti minoritarji li qed jiġu oppressi mill-maġġoranza u li allura jinħtieġu l-ħarsien tal-Qorti minkejja li l-laqgħa ġenerali tkun sejra tinżamm ritwalment skont l-memorandum and articles tal-kumpanija u skont il-liġi.*

*Huwa dritt sovran tal-azzjonisti li permezz tal-organu suprem tal-kumpanija jaħtru u jneħħu lid-diretturi, għaliex dawn m'humiex impjegati imma persuni ta' fiduċja delegati mill-istess azzjonisti.*

***Direttur m'għandu l-ebda dritt jibqa' fil-kariga kontra r-rieda tal-azzjonisti għas-sempliċi raġuni li huwa m'hu xejn għajr il-mandatarju tagħhom u kif inhu sewwa magħruf mandat jista' jintemm fi kwalunkwe żmien għad-diskrezzjoni assoluta tal-mandant.** Apparti d-direttivi tal-Gvern Libjan, ir-rikorrent iġib, bħala raġuni l-għala m'għandhiex issir il-laqgħa ġenerali, anke jekk b'mod indirett u bħala "retroxena", allegazzjoni ta' malamministrazzjoni tal-ħwejjeġ tal-kumpanija. Imma lanqas minn dan l-aspett m'għandu interess ġuridiku — li dejjem irid ikun attwali, dirett u personali - għax jekk hemmx amministrazzjoni ħażina jew le ma jispettax lilu personali imma lill-azzjonisti (f'dan il-każ azzjonista waħda). Fil-verita', dak li qed jipprova jagħmel ir-rikorrent b'dan il-mandat hu li jsib raġunljiet li jidhru li huma fl-interess tal-kumpanija mentri l-veru skop tiegħu hu li jsalva 1-pożizzjoni tiegħu bħala direttur.*

*(7)Ġialadarba ma jirriżultax li r-rikorrent għandu jedd prima facie xi jħares, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tindaga jekk hemmx ukoll il-periculum in mora u ċioe' l-element tal-irrimedjabilita' li dan id-dritt jintilef għal kollox sakemm tinqata' l-kawża fil-mertu. B'danakollu, anke kieku għas-saħħa tal-argument ir-rikorrent kellu jedd prima facie xi jħares, xorta waħda dan l-element kien ikun mankanti għax ir-rikorrent m'għandu l-ebda dritt li jinsisti li jibqa' direttur jekk l-azzjonisti ma jriduhx imma semmai għandu r-rimedju li jitlob id-danni jekk jinstab li tneħħa minn direttur bi ksur tad-drittijiet tiegħu.*

***Illi in vista tas-suespost ma jirriżultax li l-jedd pretiż mir-rikorrent jeżisti prima facie u din il-Qorti tqis li f'dan il-każ lanqas l-elementi l-oħra rikjesti mil-Liġi għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma ġew sodisfatti.***

28. Il-Qorti tosserva illi d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija waħda ċara u limpida b'messaġġ wieħed – ir-rikorrent, bħala direttur, ma għandu ebda dritt illi jwaqqaf, illi jitneħħa mill-kariga ta' direttur mis-shareholders illi oriġinalment kienu qegħduh hemm.

29. Illi għalkemm tali messaġġ kien ċar, ir-rikorrenti kompla bil-kawża odjerna u kien biss tlett snin u nofs wara illi kkonċeda illi l-meritu tal-każ odjern kien ġie eżawrit.

30. Il-Qorti tosserva wkoll illi ma kien hemm ebda ħtieġa illi tiġi ppreżentata l-kawża odjerna KONTESTWALMENT mal-Mandat ta' Inibizzjoni, u seta' faċilment jistenna l-eżitu tal-Mandat ta' Inibizzjoni qabel ma nieda l-proċeduri odjerni.

31. Madanakollu ir-rikorrent għażel illi jippreżenta l-proċeduri odjerni QABEL ma ġie deċiż il-Mandat ta' Inibizzjoni, illi kellu meritu kważi identiku għal dak odjern, bir-riżultat illi sussegwentement, huwa kompla għaddej bil-proċeduri odjerni għalkemm kien ben a korrent tal-fatt illi l-pretensjoni tiegħu kienet ġia' ġiet miċħuda, fuq bażi prima facie, minn dina l-Qorti, diversament ppresjeduta.

32. Il-Qorti tosserva wkoll illi kellhom jgħaddu aktar minn tlett snin u nofs, b'ħafna seduti u provi miġbura, sabiex eventwalment jikkonkludi illi ma kellux aktar dritt għal dak mitlub – tali trapass ta' żmien ċertament wassal għal ħela inutili ta' riżorsi u ħin illi ċertament dawna l-Qrati setgħu jagħmlu użu aħjar minnhom.

33. Għaldaqstant, hija kemmxejn inverosimili illi r-rikorrenti jinsistu illi l-intimati kellhom ibagħtu l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni, u dana wara illi tlett snin u nofs ilu, ġie dikjarat illi ma kellhomx dritt fuq bażi prima facie u kien biss reċentement illi ħassew li ma kellhomx jinsistu fil-każ odjern.

34. Il-Qorti ma tistax tikkondividi r-rikjesta tar-rikorrenti għall-ispejjeż, peress illi huwa ċar li tali proċeduri kienu żejda u inutili u ma messhom qatt ġew mibdija, u kieku l-Qorti tikkonċedi għat-talba tar-rikorrenti, tkun qiegħda tħeġġeġ l-abbuż tas-sistema ġudizzjarja minn persuni illi jużawha biss sabiex itawwlu kwistjonijiet pendenti u jittantaw li jottjenu dak li ma ħaqqhomx billi jesasperaw il-kontro parti sakemm dawna jikkapitolaw għar-rikjesti bla bażi li jkunu baqgħu pendenti quddiem il-Qorti f'proċeduri mtawwla għal ħafna snin! Tali aġir ma jistax ħlief jiġi kkundannat mill-Qorti.

## KONKLUŻJONI

## Il-Qorti

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

Wara illi semgħet ir-rikorrenti jċedu l-atti tal-kawża filwaqt illi jżommu ferm il-kap tal-ispejjeż,

Wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet fuq il-kap tal-ispejjeż, tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi;

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ta' l-erbgħa talbiet tar-rikorrenti, stante illi dawna ġew ċeduti.

**Tikkundanna** lir-rikorrenti nomine iħallsu l-ispejjeż kollha tal-proċeduri odjerni.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**